The Foundation for Social Welfare Services in partnership with the Malta Communications Authority, the Department for Education Services and the Commissioner for Children requires a full-time Administrator, who shall work on a definite employment contract.

The Role

The Administrator's role is to monitor and administer the staff and the day-to-day running of the service. S/he is expected to set up and maintain a facility for online reporting of illegal content and/or activity on the internet and new online technologies. The job holder shall draw up a manual of procedures in cooperation with the law enforcement authorities and in accordance with the best practice guidelines. S/he shall ensure that the reports received are assessed and referred to the police, ISP or the hotline correspondent. Amongst other responsibilities s/he shall organize meetings for the Advisory Board, hold talks and information meetings and attend international meetings related to Internet Safety.

The Administrator shall be required to liaise on a continuous basis with the other partners.

The Person

Interested candidates must be in possession of a University Diploma/Degree in Social Work or a Degree in Psychology. Additional to the qualification the candidate must possess 2 years work experience in the social sector.

Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu ppruvati b'ċertifikati u riferenzi. Dawk l-applikanti li għandhom kwalifiki barranin għandhom jehmżu mal-applikazzjoni stqarrija ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà tal-kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualification Recognition Information Centre (MQRIC)*.

Dawk li huma interessati għandhom jissottomettu ittra ta' applikazzjoni bil-miktub u jinkludu *Curriculum Vitae* dettaljat, ċertifikat tal-kondotta mill-pulizija u żewġ riferenzi u jibagħtuhom lill-

Manager għar-Riżorsi Umani,
Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali,
2, Triq Braille,
Sta. Venera SVR 1690

L-applikazzjonijiet iridu jaslu sa nofsinhar tat-Tnejn, it-22 ta' Novembru, 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Għandhom jiġu kkwotati dawn li ġejjin:

Permess tal-ETC Nru. 195/2010;
MPO 185/2005

Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
2, Triq Braille, St. Venera, SVR 1690.

Is-16 ta' Novembru, 2010

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. Applicants in possession of a foreign qualification/s are to produce with their application, a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualification Recognition Information Centre (MQRIC).

Interested candidates are to submit a letter of application in own handwriting and include a detailed Curriculum Vitae, police conduct certificate and two references to-:

Human Resources Manager
Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille,
Sta. Venera SVR1690

Applications will be accepted until noon of Monday, 22nd November, 2010.

Late applications will not be accepted.

The following should be quoted:

ETC Permit No: 195/2010;
MPO 185/2005

Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille, St. Venera, SVR 1690.

16th November, 2010

Il-proġett huwa ffinanzjat taħt il-Programm European Safer Internet: Insaħħu u Nipproteġu lit-Tfal *Online*

The project is funded under the European Safer Internet Programme: Empowering and Protecting Children Online

IL-FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

Me2 - Integration of Persons with Disability into the Labour Market

Sejħa għal Servizzi

Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (Aġenzija Sapport), b'kollaborazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) u l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) applikaw għall-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 (OP II ESF) Fondi Strutturali għall-proġett *ESF 3.62 Me2-Integration of Persons with Disability into the Labour Market*.

Dan il-proġett jeħtieġ is-servizzi ta':

Amministratur tal-Proġetti (ref. Me2-1)

FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

Me2 - Integration of Persons with Disability into the Labour Market

Call for Services

The Foundation for Social Welfare Services (Sapport Agency), in partnership with the Employment and Training Corporation (ETC), and the National Commission Persons with Disability (NCPD) have applied for funding under Cohesion Policy 2007-2013 (OP II-ESF) Structural Funds for a project entitled ESF 3.62 Me2-Integration of Persons with Disability into the Labour Market.

This project requires the services of:

Project Administrator (ref. Me2-1)

Assistent Amministratur tal-Proġetti (ref. Me2-2)

Kwalifiki meħtieġa għas-servizz ta' Amministratur tal-Proġett – waħda minn dawn:

Diploma fl-*Applied Social Studies* (Ħidma Soċjali);
Baċellerat fil-Ħidma Soċjali;
Baċellerat fil-Politika/Amministrazzjoni Soċjali;
Baċellerat fil-Psikoloġija;
Baċellerat fl-Istudji taż-Żgħażagħ u l-Komunità;
Baċellerat fl-Istudji tal-Komunikazzjoni.

Preferibbilment il-persuna jkollha esperjenza ta' xogħol fil-qasam ta' proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea u esperjenza ta' xogħol ma' aġenziji jew entitajiet fil-qasam soċjali. Fil-każ ta' Diploma, l-esperjenza mitluba tkun ta' minimu ta' 5 snin, filwaqt li fil-każ ta' Baċellerat tkun ta' minimu ta' 3 snin.

Kwalifiki meħtieġa għas-servizz ta' Assistent Amministratur tal-Proġett:

Minimu ta' sitt (6) suġġetti fil-Livell Ordinarju u minimu ta' suġġett wieħed (1) fil-Livell Avvanzat ta' edukazzjoni.

Preferibbilment il-persuna jkollha esperjenza ta' xogħol fil-qasam ta' proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja u esperjenza ta' xogħol ma' aġenziji jew entitajiet fil-qasam soċjali.

Għal aktar informazzjoni u/jew kopja tat-termini ta' riferenza tas-servizzi msemmija jinkjisbu mingħand is-Sur Rennie Stivala fuq 2388 5162 jew inkella bl-*email* fuq (rennie.stivala@gov.mt).

Persuni interessati f'din is-sejħa għal servizzi għandhom jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fit-termini ta' riferenza. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae,* jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 26 ta' Novembru 2010, u għandhom jintbagħtu lil:

Proġett ESF 3.62 ME2
Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
2, Triq Braille, Sta. Venera, SVR 1690.

Is-16 ta' Novembru, 2010

Assistant Project Administrator (ref. Me2-2)

Entry Requirements for Project Administrator – one of the following:

Diploma in Applied Social Studies (Social Work);
Bachelor Degree in Social Work;
Bachelor Degree in Social Policy/Administration;
Bachelor Degree in Psychology:
Bachelor Degree in Youth and Community Studies;
Bachelor Degree in Communications Studies.

Preferably with past experience in European Union co-funded projects and experience in working with a social agency/entity. In case of Diploma, a minimum of 5 years experience is required, while in case of Bachelor Degree, a minimum of 3 years experience is required.

Entry Requirements for Assistant Project Administrator:

Minimum of six (6) subjects at an Ordinary Level and a minimum of one (1) subject at an Advanced Level standard of education.

Preferably with past experience in European Union co-funded projects and experience in working with a social agency/entity.

Further information and/or a copy of the terms of reference for the above-mentioned services may be obtained from Mr Rennie Stivala on 2388 5162, or by email on (rennie.stivala@gov.mt).

Individuals interested in rendering their services must meet the required specifications established in the terms of reference. Applications along with curriculum vitae will be accepted till noon of Friday 26th November 2010 sent to:

ESF Project 3.62 - ME2
Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille, St Venera, SVR 1690.

16th November, 2010

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Dan il-proġett hu parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II- Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds: 15% National Funds
Investing in your Future

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, XOGĦOL U L-FAMILJA

Riżultat għall-Pożizzjoni ta' *Focal Point* dwar Drogi u Dipendenzi ta' Drogi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

L-Aġent Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-għażla għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTRY OF EDUCATION, EMPLOYMENT AND THE FAMILY

Result for the Position of Focal Point on Drugs and Drug Addiction within the Ministry of Education, Employment and the Family

The Acting Permanent Secretary, in the Ministry of Education, Employment and the Family notifies that the result of the selection of the above-mentioned position may be viewed on the notice-board of the Human Resources Section, Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th November, 2010

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, XOGĦOL U L-FAMILJA

Riżultat għall-Pożizzjoni ta' *Research Analyst* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

L-Aġent Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-għażla għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTRY OF EDUCATION, EMPLOYMENT AND THE FAMILY

Result for the Position of Research Analyst in the Department for Social Welfare Standards within the Ministry of Education, Employment and the Family

The Acting Permanent Secretary, in the Ministry of Education, Employment and the Family notifies that the result of the selection of the above-mentioned position may be viewed on the notice-board of the Human Resources Section, Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th November, 2010

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, XOGĦOL U L-FAMILJA

Riżultat għall-Pożizzjoni ta' *Manager* (*National Coordinating Unit for Drugs and Alcohol* - NCUDA) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

L-Aġent Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-għażla għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTRY OF EDUCATION, EMPLOYMENT AND THE FAMILY

Result for the Position of Manager (National Coordinating Unit for Drugs and Alcohol – NCUDA) within the Ministry of Education, Employment and the Family

The Acting Permanent Secretary, in the Ministry of Education, Employment and the Family notifies that the result of the selection of the above-mentioned position may be viewed on the notice-board of the Human Resources Section, Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th November, 2010

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, XOGĦOL U L-FAMILJA

Riżultati ta' Intervisti għall-Postijiet ta' Għalliema tal-Fizika u/jew Xjenza Integrata fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) jgħarraf li ħareġ ir-riżultat emendat tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE), il-Furjana, fuq in-*notice board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Assistent Direttur tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTRY FOR EDUCATION, EMPLOYMENT AND THE FAMILY

Results of Interviews for the Posts for Physics or Integrated Science Teachers in the Directorate for Educational Services (DES)

The Directorate for Educational Services (DES) notifies that the amended result of the interviews for above mentioned posts has been published and can be viewed on the main notice-board Directorate for Educational Services (DES), Floriana, on the notice-board of the office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta, and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

16th November, 2010

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Riżultati ta' Intervisti għall-Postijiet/Pożizzjonijiet fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultati tal-intervisti għall-postijiet/pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management and Support Services,* Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, il-Furjana u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet/pożizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

Pożizzjonijiet ta' *Animal Welfare Officer* fid-Dipartiment għal Żvilupp Rurali u Akwakultura

Post ta' *Principal Public Cleansing Officer* fid-Direttorat tat-Tindif fi ħdan id-Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni

Postijiet ta' Quarryman (Grupp III) fid-Direttorat ta' Implimentazzjoni ta' Proġetti fid-Dipartiment ta' Disinn ta' Proġetti u Implimentazzjoni

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Results of Interviews for the Posts/Positions within the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts/positions have been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts/positions are the following:

Positions of Animal Welfare Officer in the Rural Development and Aquaculture Department

Post of Principal Public Cleansing Officer in the Cleansing Directorate within the Cleansing and Maintenance Department

Posts of Quarryman (Group III) in the Projects Implementation Directorate in the Project Design and Implementation Department

16th November, 2010

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Kors ta' Taħriġ għal *Paramedic Aides (Environmental Health)* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

B'riferenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Kors imsemmi hawn fuq, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Novembru, 2010, ngħarrfu b'dan illi l-paragrafu 7 tal-verżjoni bil-Malti, "*Trainees Paramedic Aide (Decontamination)*" għandha tkun "*Trainees Paramedic Aide (Environmental Health)*".

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Applications for admission to the Course of Training for Paramedic Aides (Environmental Health) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

With reference to the call for applications for the above mentioned Course, published in the Government Gazette dated 5th November 2010, it is hereby notified that paragraph 7 of the Maltese version, "Trainees Paramedic Aide (Decontamination)" should read "Trainees Paramedic Aide (Environmental Health)".

16th November, 2010

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Xerred il-Malti – Scholarships (2010)

Id-Direttur għat-Tagħlim Tul il-Ħajja javża lill-pubbliku in ġenerali li ġiet estiża s-sejħa għall-iskema ta' boroż ta' studju magħrufa bħala Xerred il-Malti.

L-iskema hi maħsuba għal persuni ta' nazzjonalità Maltija jew ta' dixxendenza Maltija tat-tieni jew tielet ġenerazzjoni li ma jgħixux f'Malta imma jixtiequ jkattru l-għarfien u jxerrdu t-tagħlim tal-Malti fost l-emigranti. L-applikanti magħżula jridu jsegwu kors preparatorju minn Jannar 2011 u minn Ottubru 2011 jissieħbu fil-kors B.Ed. (Hons.) kif offrut mill-Università ta' Malta.

Għal aktar dettalji, il-pubbliku jista' jżur il-*website (*http://www.education.gov.mt/xerredilmalti.htm). Kopja tar-Regolamenti kif ukoll il-Formola ta' Applikazzjoni tista' titniżżel minn fuq din il-*website* jew jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Customer Care*, Direttorati għall-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana.

Id-data l-ġdida tal-għeluq ta' din is-sejħa tal-2010 issa hi f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-30 ta' Novembru, 2010.

Is-16 ta' Novembru, 2010

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja fil-*car parks* li jinsabu f'Xatt ir-Riżq u Xatt iż-Żejt, il-Birgu, nhar is-Sibt, l-20 ta' Novembru, 2010 mill-4.00 p.m. 'il quddiem.

Is-16 ta' Novembru, 2010

KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħamis, il-25 ta' Novembru 2010, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali fis-6.30 p.m.

Matul din il-laqgħa l-Kunsill jilqa' s-suġġerimenti tar-residenti dwar l-estimi finanzjarji għall-perjodu Jannar-Diċembru 2011.

Ir-residenti kollha huma kordjalment mistiedna jattendu.

Is-16 ta' Novembru, 2010

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

Xerred il-Malti – Scholarships (2010)

The Director for Lifelong Learning notifies the general public that the closing date of the 2010 call for the scholarships under the scheme "Xerred il-Malti," has been extended.

The scheme is aimed for Maltese nationals or Maltese of second and third generation, who do not live in Malta and wish to enrich their knowledge and teach Maltese among emigrants. The scholarship awardees shall follow a preparatory course as from January 2011 and then start the B.Ed. (Hons.) course at the University of Malta as from October 2011.

For more details, visit website http://www.education.gov.mt/xerredilmalti.htm. Copies of the Regulations and Application Form may be downloaded from this website or may be obtained from Customer Care Office, Directorates for Education, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

The new closing date of the 2010 call for applications is 30th November, 2010, at noon (Central European Time).

16th November, 2010

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that no parking will be permitted in the car parks along Xatt ir-Riżq and Xatt iż-Żejt, Vittoriosa on the 20th November, 2010 from 4.00 p.m. onwards.

16th November, 2010

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with the Local Council Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Thursday, 25th November 2010 at the Local Council's Office at 6.30 p.m.

During this meeting the Council will hear the residents' proposals regarding the financial estimates for the period January - December 2011.

All residents are cordially invited to attend.

16th November, 2010

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-Avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Novembru, 2010, għal:

CT 153/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2107/2010. Stallazzjoni u kummissjonar ta' disinjar u bini ta' Impjant Ġdid ta' Tkessiħ – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Awwissu, 2010.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Novembru, 2010, għal:

CT/A/034/2010. - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3042/2010. Bini ta' *lightweight walkway* u xogħlijiet ċivili relatati fit-Tempji ta' Ħal Tarxien – Heritage Malta. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Reġjonali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €233,000.00 mingħajr V.A.T.)

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Novembru, 2010, għal:

CT 171/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2198/2010. Provvista u stallazzjoni ta' *local area networks* u xogħlijiet tal-elettriku fi skejjel tal-Gvern – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

CT 173/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2181/2010. Provvista ta' *bottom up cost model* għall-aċċess u l-*core networks* ta' operatur tal-*fixed network* – Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-4 ta' Ottubru, 2010.

CT/A/ 035/2010. - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3093/2010. Provvediment ta' servizzi ta' *Project Management* għall-Proġett tat-*Terminal* tal-Passiġġieri fiċ-Ċirkewwa – Trasport Malta. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th November, 2010, for:

CT 153/2010 - Contracts Ref No, CT 2107/2010. Delivery, installation and commissioning of a design and construction of a New Refrigeration Plant – Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th August, 2010.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th November, 2010, for:

CT/A/034/2010 - Contracts Ref No, CT 3042/2010. Construction of a lightweight walkway and related civil works in the Tarxien Temples – Heritage Malta. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €233,000.00 excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th November, 2010, for:

CT 171/2010 - Contracts Ref No, CT 2198/2010. Supply and installation of local area networks and electrical works in Government schools – Foundation for Tomorrow's Schools.

CT 173/2010 - Contracts Ref No, CT 2181/2010. Provision of a bottom up cost model for the access and core networks of a fixed network operator – Malta Communications Authority. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 4th October, 2010.

CT/A/035/2010 - Contracts Ref No, CT 3093/2010. Service tender for the provision of Project Management services for the Ċirkewwa Passenger Ferry Terminal Project – Transport Malta. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being considered for part-

parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għal Żvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €340,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-15 ta' Ottubru, 2010.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Diċembru, 2010, għal:

CT 175/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2216/2010. Servizzi ta' sigurtà, għassa, *cash-in-transit, alarm monitoring* u *response* – Dipartiment tal-VAT. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-20 ta' Ottubru, 2010.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Diċembru, 2010, għal:

CT 174/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3086/2010. Provvista, konsenja, installazzjoni, ittestjar u kummissjonar (kif applikabbli) ta' apparat teknoloġiku tal-Informatika, għall-Binja tal-Fakultà tal-Informazzjoni, Komunikazzjoni u Teknoloġija, fl-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €509,322.03 mingħajr V.A.T.)

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-18 ta' Ottubru, 2010.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Diċembru, 2010, għal:

CT 176/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2201/2010. Provvista ta' *fuel oil* għall-*boilers* fl-Isptar Mater Dei – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €200.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-25 ta' Ottubru, 2010.

CT 177/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2152/2010. Bini ta' Kumpless tal-Park and Ride fil-Marsa – Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta tista' tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu għal Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(*Budget* Stmat: €850,000.00 mingħajr V.A.T.)

CT 178/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3010/2010. Rikostruzzjoni u titjib fil-*Bypass* tal-Mellieħa – Transport Malta.

financing by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €340,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 15th October, 2010.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 14th December, 2010, for:

CT 175/2010 - Contracts Ref No, CT 2216/2010. Security, guarding, cash-in-transit, alarm monitoring and response services – VAT Department. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th October, 2010.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th December, 2010, for:

CT 174/2010 - Contracts Ref No, CT 3086/2010. Tender for the supply, delivery, installation, testing and commissioning (as applicable) of Information Technology equipment for the Faculty of Information Communications Technology (ICT) Building at the University of Malta. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €509,322.03 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 18th October, 2010.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st December, 2010, for:

CT 176/2010 - Contracts Ref No, CT 2201/2010. Supply of fuel oil for boilers at Mater Dei Hospital – Department of Health. A fee of €200.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th October, 2010.

CT 177/2010 - Contracts Ref No, CT 2152/2010. Construction of a Park and Ride Complex in Marsa – Authority for Transport in Malta.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender might be considered for part-financing by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget: €850,000.00 excluding V.A.T.).

CT 178/2010 - Contracts Ref No, CT 3010/2010. Reconstruction and upgrading of Mellieħa Bypass, Mellieħa – Transport Malta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-International Open Tender Procedure. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget stmat*: €9,952,600 inkluża l-V.A.T.)

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Ottubru, 2010.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Jannar, 2011, għal:

CT 180/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3096/2010. Xogħol ta' inġinerija mekkanika u elettrika, trasportazzjoni vertikali, u ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli għat-Terminal tal-Passiġġieri fiċ-Ċirkewwa – Transport Malta. Kopja ta' din l-offerta tista' tinkiseb mingħajr ħlas mill-*website* (http://www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget*: €1,695,000.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Jannar, 2011, għal:

*CT 181/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2168/2010. Provvediment ta' *document control* u *quality management solution* - Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużżjoni tad-Demm. Irid jitħallas dritt ta' €40.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Novembru 2010.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Frar, 2011, għal:

CT 179/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3083/2010. Żvilupp ta' disinn u kostruzzjoni taċ-Ċentru tal-Onkoloġija tal-Isptar Mater Dei, inklużi s-servizzi kollha ta' inġinerija u l-fornitura ta' tagħmir mediku permezz ta' *nominated subcontractor* – Fundazzjoni għas-Servizzi Mediċi.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Tender Procedure*. Din l-offerta qed tiġi kkunsidrata sabiex tiġi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(*Budget* stmat: €41,000,000 mingħajr V.A.T.)

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-3 ta' Novembru, 2010.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Dawk li jagħmlu offerta huma avżati biex iżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt minn fejn jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, jixtru dokumenti tal-offerta *online* 24 siegħa kuljum, u jirreġistraw għall-funzjonalitajiet addizzjonali. Il-*website* tipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €9,952,600 including V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 26th October, 2010.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th January, 2011, for:

CT 180/2010 - Contracts Ref No, CT 3096/2010. Mechanical and electrical works, vertical transportation and renewable energy generation for the Ċirkewwa Passenger Terminal – Transport Malta. A copy of this tender document can be downloaded free of charge from the website: (http://www.contracts.gov.mt).

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is being considered for part-financing by the European Union under the European Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Budget: €1,695,000.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th January, 2011, for:

*CT 181/2010 - Contracts Ref No, CT 2168/2010. Provision of a document control and quality management solution - National Blood Transfusion Centre. A fee of €40.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th November 2010.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th February, 2011, for:

CT 179/2010 - Contracts Ref No, CT 3083/2010. Design development and construction of Mater Dei Hospital Oncology Centre including all engineering services and supply of medical equipment through a nominated subcontractor – Foundation for Medical Services.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being considered for part-financing by the European Union under the Malta Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013; Investing in Competitiveness for a better Quality of Life.

(Estimated Budget: €41,000,000 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd November, 2010.

*Advertisement appearing for the first time

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt from where they can download preview documents, purchase tender documents online 24 hours a day, and register for additional functionalities. The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu wkoll fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana FRN 1600, Malta, Tel:- (0356) 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jitħallsu permezz ta' sistema *point-of-sale* elettronika (EPOS) tal-Bank of Valletta u l-HSBC.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-16 ta' Novembru, 2010

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha li skont SL 174.07 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2005 ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerli tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment, http://www.contracts.gov.mt**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skont parti XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Is-16 ta' Novembru, 2010

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 153/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2107/2010. Stallazzjoni u kummissjonar ta' disinjar u bini ta' Impjant Ġdid ta' Tkessiħ – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Awwissu, 2010.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-Avviż imsemmi qed jiġu mtawla sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Novembru, 2010.

Is-16 ta' Novembru, 2010

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 172/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2088/2010. Disinjar u bini tal-garaxx għall-karozzi tal-linja fix-Xewkija, Għawdex – Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Tender documents are also obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana FRN 1600, Malta, Tel:- (0356) 21 220 212, Ext.: 128 on any working day between 8.30 a.m. and noon. Documents may be purchased through an electronic point-of-sale system (EPOS) by Bank of Valletta and HSBC.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

16th November, 2010

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of SL 174.07 of the Public Contracts Regulations 2005 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website, http://www.contracts.gov.mt**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

16th November, 2010

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 153/2010 - Contracts Ref No, CT 2107/2010. Delivery, installation and commissioning of a design and construction of a New Refrigeration Plant – Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th August, 2010.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th November, 2010.

16th November, 2010

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 172/2010 - Contracts Ref No, CT 2088/2010. Design and construction of Xewkija bus garage, Gozo – Authority for Transport in Malta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

Is-16 ta' Novembru, 2010

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 172/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2088/2010.

Diżinjar u bini tal-Garaxx għall-Karozzi tal-Linja fix-Xewkija, Għawdex – Awtorità għat-Transport f'Malta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

Is-16 ta' Novembru, 2010

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 2 ta' Diċembru, 2010.

Avviż Nru. 147. Bejgħ ta':

(a) sit f'San Pawl il-Baħar, kif muri bl-aħmar u mmarkat A fuq pjanta P.D. 2010_125; u

(b) sit f'San Pawl il-Baħar, mil-livell eżistenti tal-moll sa għoli ta' 5.85 metri f'Punt 2, u sa għoli ta' 8.50 metri f'Punt 1, kif aħjar muri bl-aħmar u mmarkat B fuq pjanta P.D.2010_125, bit-termini u l-kundizzjonijiet li jidhru fl-abbozz tal-kuntratt hawnhekk anness immarkat Dokument '1'. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €10,700 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 148. Kiri tal-Garaxx Nru. 2 taħt Binja Bighi, Kalkara, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.238_90_5_A. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 149. Kiri tal-Garaxx Nru. 6 taħt Blokk E, Triq Peppi Vella, Qasam tad-Djar Tal-Ħawli, Birgu, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.78_80_16_A. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

16th November, 2010

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 172/2010 - Contracts Ref No, CT 2088/2010.

Design and construction of Xewkija Bus Garage, Gozo – Authority for Transport in Malta.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

16th November, 2010

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 2nd December, 2010.

Advt. No. 147. Sale of:

(a) a site in Saint Paul's Bay, as shown edged in red and marked A on plan P.D. 2010_125; and

(b) a site in Saint Paul's Bay, from the existing quay level up to a height of 5.85 metres at Point 2 and up to a height of 8.50 metres at Point 1, as better shown edged in red and marked B on plan P.D. 2010_125, under the terms and conditions of the annexed draft deed marked Document '1'. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five hundred thousand Euro (€500,000) will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 148. Lease of the Garage No. 2 under Binja Bighi, Kalkara, shown edged in red on plan P.D.238_90_5_A. Offers below the amount of one thousand eight hundred Euro (€1,800) per annum will not be considered.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 149. Lease of the Garage No. 6 under Blokk E, Triq Peppi Vella, Tal-Ħawli Housing Estate, Birgu, shown edged in red on plan P.D.78_80_16_A. Offers below the amount of one thousand two hundred Euro (€1,200) per annum will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u n-11.45 a.m.

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment għad-Disinn ta' Proġetti u Implimentazzjoni, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-23 ta' Novembru, 2010, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Dipartiment tal-*Financial Management*, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 171/2010. Kuntratt perjodiku għall-kiri, manutenzjoni u tqegħid fuq il-post ta' *mobile toilets* għad-Dipartiment għad-Disinn ta' Proġetti u Implimentazzjoni u Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dokumenti relattivi jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office,* Dipartiment tal-*Financial Management*, Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (Numru tat-Telefon 2299 7567).

Is-16 ta' Novembru, 2010

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Novembru, 2010, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Dipartiment tal-*Financial Management*, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 169/2010. Provvista u konsenja ta' *MIG welding sets* lid-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi, Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

16th November, 2010

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

The Director General, Project Design and Implementation Department, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 23rd November, 2010, for:-

Advt. No. 171/2010. Period contract for the hiring, servicing and placing on site of mobile toilets for the Project Design and Implementation Department and Cleansing and Maintenance Department.

A fee of €20 is to be charged for the procurement of each set of relevant documents.

Relevant documents may be obtained against their respective fee from the Cash Office, Department of Financial Management, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section of the Ministry for Resources and Rural Affairs (Telephone Number 2299 7567).

16th November, 2010

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

The Director General, Cleansing and Maintenance Department, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 26th November, 2010, for:-

Advt. No. 169/2010. Supply and delivery of MIG welding sets to the Manufacturing and Servicing Directorate, Cleansing and Maintenance Deparetment.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-30 ta' Novembru, 2010, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Dipartiment tal-*Financial Management*, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 170/2010. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' kanen tal-ilma tal-azzar galvanizzati għad-Dipartiment għad-Disinn ta' Proġetti u Implimentazzjoni u Dipartiment tat-Tindif u Implimentazzjoni u Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Kwot. Nru. 54/2010. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' sapun tal-ħasil tal-ħwejjeġ *(laundry bars)* għal diversi dipartimenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

*Kwot. Nru. 56/2010. Kuntratt perjodiku għall-provvediment ta' servizzi fit-Taqsima ta' Kordin tad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi tad-Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Diċembru, 2010, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Dipartiment tal-*Financial Management*, il-Furjana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 55/2010. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' magna ġdida li tneħħi ċ-*chewing gum* għad-Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

*Kwotazzjoni li qed tidher għall-ewwel darba

Dokumenti relattivi jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office,* Dipartiment tal-*Financial Management*, Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (Numru tat-Telefon 2299 7567).

Is-16 ta' Novembru, 2010

A fee of €10 is to be charged for the procurement of each set of relevant documents.

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 30th November, 2010, for:-

Advt. No. 170/2010. Period contract for the supply and delivery of galvanized steel water pipes to the Project Design and Implementation Department and Cleansing and Implementation Department and Cleansing and Maintenance Department.

A fee of €20 is to be charged for the procurement of each set of relevant documents.

Quot. No. 54/2010. Period contract for the supply and delivery of (hard) laundry soap bars to various departments of the Ministry for Resources and Rural Affairs.

A fee of €25 is to be charged for the procurement of each set of relevant documents.

*Quot. No. 56/2010. Period contract for the provision of cleaning services at Kordin Branch of the Manufacturing and Services Directorate of the Cleansing and Maintenance Department.

A fee of €25 is to be charged for the procurement of each set of relevant documents.

Sealed quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 3rd December, 2010, for:-

Quot. No. 55/2010. Supply, delivery and commissioning of a brand new chewing gum removal machine to the Cleansing and Maintenance Department.

A fee of €25 is to be charged for the procurement of each set of relevant documents.

*Quotation appearing for the first time

Relevant documents may be obtained against their respective fee from the Cash Office, Department of Financial Management, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section of the Ministry for Resources and Rural Affairs (Telephone Number 2299 7567).

16th November, 2010

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* jgħarraf illi:–

Kategorija B - Stmati bejn €12,001 - €120,000 - Jagħlqu l-Marsa

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Diċembru, 2010, fil-kaxxa tal-offerti tal-Enemalta, il-Marsa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/80/2010. Provvista u installazzjoni ta' *goods/passenger hydraulic lift* fl-Uffiċċji Distrettwali l-Ġodda fix-Xewkija, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

TD/T/86/2010. Provvista u installazzjoni ta' *goods/passenger hydraulic lift* fl-Imħażen tad-D.O. fix-Xewkija, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

P/T/1/2010. Ċertifikar ta' *Primary Fuel Storage Site* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija Ċ - Stmati bejn €120,001 - €412,000 mingħajr VAT - Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana

